**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 3184 / 2023**

**Il-Pulizja**

**vs**

**David Peter Blundell**

**<u>Illum 8 ta' Jannar, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, David Peter Blundell detenur tal-karta tal-identita Maltija 396772 M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Fuq talba ta' L-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar 1-4 ta' Ġunju 2015, għall-ħabta ta' 12.30pm u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-fabbrika Construct Furniture, Qasam Industrijali, Luqa, naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu, kif ukoll tal-persuni li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġu evitati danni fiżiċi, korrimenti jew mewt fuq il-post tax-xogħol u naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ir-riskji jiġu ridotti kemm huwa ragonevolment prattiku u dan ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Att 27/2000 Kap. 424;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-22 ta' Mejju, 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 7(1) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta **sabet lil David Peter Blundell mhux ħati tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u konsegwentement illiberatu minn kull ħtija u piena.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabli Qorti nhar il-15 ta' Ġunju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza qua appellata f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena u minflok issib lill-imputat appellat David Peter Blundell ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u sussegwentement tgħaddi sabiex timponi piena ai termini tal-liġi.

Rat l-aggravju tal-appellant l-Avukat Ġenerali li huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti, u ċioe:

**1. L-EWWEL QORTI IBBAZAT ID-DECISUM TAGĦHA FUQ INTERPRETAZZJONI ŻBALJATA TAL-LIĠI**

Illi bid-dovut rigward, l-Ewwel Qorti waslet għal konklużżjoni żbaljata meta waslet sabiex tevalwa l-provi li kellha quddiemha u dan billi għamlet interpretazzjoni żbaljata dwar il-kunċett ta' responsabilita.

Illi in primis, l-esponenti tagħmel referenza lejn l-**Artikolu 38(7) tal-Kap 424** li jippreskrivi s-segwenti:

> "*Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali* ***għandu dejjem ikollu dritt għal appell*** *minn kull deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) dwar procedimenti ghal rear kontra dan l-An jew regolamenti maghmula taht dan l-Art.*"

Illi l-**Artiku 7(1) tal-Kap 424** jipprovdi illi:

> "*Huwa d-dmir ta'* ***kull ħaddiem*** *li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*"

Jiġifieri il-legislatur hawnhekk qed jagħmilha ċara li **kull ħaddiem** ai termini tal-Artikolu 7(1) għandu dmirijiet li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir. Hawnhekk il-liġi ma tippreskrivix l-ammont ta' esperjenza li ħaddiem jrid jkollu sabiex jinkwadra fil-kuntest tal-Artikolu 7(1) tal-Kap 424 pero' ma hemmx l-iċken ombra ta' dubju mill-provi in atti illi l-appellat David Peter Blundell kien mastrudaxxa b'ħafna esperjenza mal-makkinarju tal-fabbrika Construct Furniture, inkluż l-istess makkinarju li wassal għall-mewta traġika u kiefra ta' żagħżugħ li ma kellux esperjenza ta' xejn f'dan il-qasam, u filfatt kien propju l-istess appellat David Peter Blundell li kien qed jagħmilha ta' supervisor ta' Matthew Bartolo dakinhar tal-inċident u dan minħabba li l-istess vittma Matthew Bartolo ma kellux esperjenza u kellu biss sbatax-il-sena.

Illi l-Ewwel Qorti ikkonkludiet bil-mod segwenti:

> "*Illi fil-fehma tal-Qorti, ir-responsabiltà tal-operatur ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 424 fil-każ ta' magna li taħdem b'mod awtomatiku, issib il-qofol tagħha fil-mumenti li jwasslu sakemm tinxteghel il-magna. L-operatur irid jassikura ruhu li qabel Ima tinxteghel il-magna u fil-mument li tinxteghel, ma jkun hemm periklu għall-ebda persuna fil-vicinanzi. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-obbligu l-akkużat wettqu billi aċċerta ruhu kemm vizwalment mal-vittma u anke staqsieh darbtejn direttament jekk hux kollox kien sew qabel ma xeghel il-magna.*"

Illi l-Ewwel Qorti għalhekk ikkonkludiet illi r-responsabilita' tal-operatur David Peter Blundell ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap 424 f'każ ta' magna li taħdem b'mod awtomatiku tissussisti fil-mumenti li jwasslu sakemm tinxtegħel il-magna u fil-mument li tinxtegħel ma jkunx hemm periklu għal ebda persuna fil-viċinanzi.

Illi fl-ewwel lok l-esponenti ma tistax taqbel ma' din il-konklużjoni. Waqt li huwa minnu li l-operatur tal-magna kien responsabbli fil-mumenti li wasslu sakemm tinxtegħel il-magna u fil-mument li tinxtiegħel, dan bl-ebda mod ma jfisser li r-responsabilita' tal-istess operatur tieqaf hemm. Anzi *di piu'* huwa **propju f'dak il-mument,** u ċioe' meta l-makkinarju jkun **attivat u mixgħul** li l- istess magna **tkun ta' periklu,** u r-**responsabilita'** hawnhekk filfatt tkun ***ĦAFNA IKBAR*** speċjalment meta (i) għandek **makkinarju ta' ċertu kobor** u (ii) operatur bi **snin twal ta' esperjenza,** ***inkluż ta' l-istess magna de quo*** li waslet għal mewt traġiku ta' Matthew Bartolo u li (iii) l-istess operatur David Peter Blundell kien **responsabbli minn ħaddiem żgħażugħ** ***bla esperjenza*** tant li kien qiegħed supervisor ma' Matthew Bartolo fil-mument li seħħ l-inċident kif ukoll (iv) li l-operatur David Peter Blundell kien opera l-istess magna li waslet għal mewt traġiku ta' Matthew Bartolo **għal diversi** snin u għalhekk kien **ben konxju ta' 'safety risks' assoċjati mal-magna li inter alia jinkludu SAFETY FENCING LI MA KIENX IKOPRI L-MAGNA KOLLHA,** kemm minħabba l-fatt li kien ilu ħafna żmien mastrudaxxa u kemm minħabba l-fatt li kien uża l-istess magna għal ammont ta' snin u għalhekk kien **ben konsapevoli tar-riskji relatati mal-istess fil-mument li l-magna tkun attivata u mixgħula.**

Illi saħansitra a fol 42D tal-atti proċesswali mill-*hazard signs* li hemm jiċċirkondaw l-istess magna *de quo* hija evidenti ferm li din hija magna li tista tkun perikoluża ħafna, u fost it-twissijiet mwaħħla hemm inkluż ukoll it-twissija "*do not touch when in use*", indikazzjoni ċara li l-magna hija waħda ta' periklu.

Illi huwa wkoll ferm tat-tħassib ir-rapport preliminari ta' Kevin Gauci misjub a fol 43 et. sequitur fejn jikkonkludi li "l-*vittma fil-ħin tal-inċident kien qiegħed il-gewwa mill-grada* ***u meta s-Sur Blundell għamel sinjal lil vittma biex jgħidlu li kollox ok ma l-istess Blundell ma setax jidentifika jekk fir-realta' il-vittma kienx barra jew ġewwa.***"

Il-Professur Sir Anthony Mamo fir-rigward tad-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali jsostni illi:

> "*The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man' meaning thereby a reasonable prudent man.*"

Illi importanti ħafna f'dan il-kuntest huwa l-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Briffa'**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Aaron Bugeja f′sentenza datata il-5 ta' April 2022 tenniet ukoll is-segwenti:

> "*Il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta jorbot lil 'min iħaddem' u lil ħaddiem' bl- obbligu li jassikuraw li b'ħidmithom ma jipperikolawx il-ħajja, is-saħħa u s- sikurezza ta' kull persuna li tista' tiġi affetwata minn dak ix-xogħol. Dan l-obbligu jikkonsisti fli jkunu mfassla u osservati normi ta' prevenzjoni li jassikuraw post tax- xoghol hieles minn perikli li jistgħu jiġu kemm anticipati kif ukoll allura evitati.*"

**L-Artikolu 2 tal-Kapitolu 424** tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi ħaddiem':

> "*... "haddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taht kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment; persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment.*"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Briffa**[2] żiedet ukoll illi:

> "*L-appellant bhala 'haddiem' jirriżulta li hu stess kien imidd idejh manwalment sabiex isir ċertu xoghol fis-sit in kwistjoni. B'hekk huwa kellu l-obbligu li jassikura li b'hidmitu ma jaghtix lok għal perikli għas-sahha tal-bniedem in kwantu bhala "haddiem" l-appellant kien marbut*

*bid-dmirijiet li jippreskrivi l-Artikolu 7(1) tal- Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta li jghid:*

*Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir."*

Jiġifieri jekk biss biss napplikaw l-insenjament fil-każ hawn fuq imsemmi ta' **Il-Pulizija vs. Mario Briffa**, fil-kuntest tal-każ odjern, toħroġ ċar li David Peter Blundell kien ħaddiem fil-kuntest tal-Artikolu 2 tal-Kap 424 u li bħala mastrudaxxa fil-kumpanija Construct Furniture Company Limited huwa kien *"jmidd idejh manwalment sabiex jsir ċertu xogħol fis-sit in kwistjoni'... B'hekk kellu l-obbligu li b'ħidmitu ma jagħtix lok għal perikli għas-saħħa tal-bniedem in kwantu li bħala kwantu bħala "ħaddiem" I-appellant kien marbut bid-dmirijiet li jippreskrivi 1-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Illi David Peter Blundell bħala operatur tal-makkinarju li temm ħesrem il-ħajja ta' Matthew Bartolo kellu l-obbligu li b'ħidmitu, li kien jinkludi inter alia, li jaġixxi bħala operatur tal-makkinarju ma jagħtix lok ghal perikli għas-saħħa tal-bniedem.

Illi multo magis David Peter Blundell, kif jirriżulta ampjement mill-provi prodotti illi Matthew Bartolo kien qed jaħdem ma' David Peter Blundell u xogħol Matthew fir-rigward ta' din il-magna kien li jqiegħed folji tal-injam sabiex jiġu proċessati l-bibien billi jinqata disinn programmat fuqhom. Illi l-operazzjoni tal-makkinarju, inkluż l-attivazzjoni tal-istess makkinarju, kien f'idejn David Peter Blundell.

Illi hawnhekk tajjeb issir riferenza għax-xhieda tal-Inginier Ray Spiteri, senjatament fis-seduta datata 24 ta' Frar tas-sena 20213 fejn intqal is-segwenti:

*Xhud: Mela, jekk qed titkellem il-magna bil-fence, bhala magna kienet tista' tintuza; it was operational, u t-testijiet li ghamilna ghaddew kollha. Anke meta taghfas l-istop button, tahdem, jekk mhux sejjer zball, ghax m'ghandix ir-rapport u dan huwa 2015, kienet xi seven*

*seconds u kien kollox orrajt.* ***Imma, il-parti ta' safe for use ma kinetx. Hemm differenza***."

*Difiza: Meta qed tghid ma kinetx safe for use, qed tghid hekk minhabba li, meta għamilt l-aċċess, il-gate sibtha maqlugħa mill-post u, għalhekk, ma stajtx tiriskontra l-magna biex tkun safe u taħdem għandhiex bilfors il-magna tiġi maqlugħa, jew għal xi haġ' oħra.*

*Xhud: Le, għaliex inti l-fencing l-aħjar kelma jgħidulu 'safety fencing'* - ***ma kienx komplut. Ma kienx mad-dawra tal-magna kollu****. Meta kont hemmhekk jekk niftakar sew, għax issa qed nixjieh..."*

Illi l-espert l-Inġinier Ray Spiteri żied ukoll is-segwenti fir-rigward tal-makkinarju, li ddeskrivih inter alia bħala unit wieħed:

*Xhud: Kienet tajba, ttestjajtha, u timxi. Imma, mil-lat ta' safe for use, le ma kinetx. Qed ninsa dan il-guarding li hawn. Il-guarding kien incomplete*

*Qorti: Sewwa. Jiġifieri, fl-opinjoni tieghek, il-guarding kellu jitkompla mal-magna kollha.*

*Xhud: Yes, correct."*

Illi parti kruċjali ħafna mix-xhieda tal-istess xhud l-Inginier Ray Spiteri hija s-segwenti bran li jirrigwarda kemm tieħu ħin il-magna biex tieqaf meta tintefa:

*Xhud: Il-parti ta' quddiem kienu qed jaħdmu tajjeb. Imbagħad, iċċekjajna dak li ngħidulu l-istop speed. Bħala British Standard, jekk magna, speċjalment ġo fabbrika tal-injam, għandek a cutting circular saw, sega qed iddur, trid tieqaf within 10 seconds. Issa, nafu li hija ċajta għax nafu li, within 10 seconds, mhux idek teħodlok. Imma din, meta*

*pruvjajnieha, it was within the limits u kienet seven seconds. Jiġifieri, jekk nagħfas l-istop, jekk qed narak inti se tweġġa' u nagħfasha within seven seconds, at least ma teħodlokx idek kollha.*

Illi importanti jiġi miżjud ukoll li l-istop speed huwa intiż li jiġi meqjus f'kuntest ta' ħaddiem li qed jara li persuna oħra ser tweġġa, u cioe' tirrikjedi li minnufih tintefa tali magna u mhux li jitfi l-istess magna meta jkun tard wisq u ċioe', meta individwu jkun qiegħed diġa jweġġa. Illi fiċ-ċirkustanzi kieku l-appellat Blundell, kien irreaġixxa mill-ewwel u ċioe', kieku kien diliġenti biżżejjed biex jitfi l-makkinarju mill-ewwel kif induna li Matthew Bartolo kien fil-periklu, l-istop speed tal-makkinarju, li huwa 7 sekondi, ma kienx ser jwassal għal laċerazzjoni fonda ħafna u twila 79cm! Fiċ-ċirkostanzi kieku r-reaction time kien immedjat u mhux intfiet il-magna meta kien tard wisq, il-ġuvni kien x'aktarx minkejja li kien jkorri gravi, kien jsalva.

Id-distakk ta' ftit sekondi kienu biżżejjed biex jagħmlu differenza bejn ħajja u mewt. Illi fiċ-ċirkostanzi l-appellat David Peter Blundell kien f'pożizzjoni jinduna dwar x'perikli kien qed jaffaċċja ż-żgħażugħ qabel ma nxtegħlet il-magna iżda minflok straħ biss fuq thumbs up u l-okay ta' Matthew Bartolo, li ma kellux esperjenza fuq din il-magna, u li ta' spiss kien jkollu magna differenti biex jaħdem. Kif nistgħu ngħidu f'dawn iċ-ċirkostanzi, li r-responsabbilita' tieqaf mal-mument li nxtegħlet il-magna? Pjuttost wieħed jsib responsabbilita' ikbar, meta għandek *stop speed* ta' sebgħa sekondi.

Jirriżulta allura illi Matthew Bartolo ma daħalx ġewwa l-fencing meta l-magna kienet diġa qed taħdem, għaliex mill-provi jirriżulta li l-ftuħ tal-grada jiskatta mekkażimu ta' 'sigurta li jwaqqaf il-magna immedjatament. Illi kif ikkonferma l-Inginier Ray Spiteri, dan il-mekkaniżmu protettiv ma kienx jkopri l-magna kollha u cioe il-magna, li kienet meqjusa bħala unit wiehed, kellha parti minnha li ma kienitx koperta. Billi David Peter Blundell għamel użu mill-istess magna għal diversi snin huwa kien ben konxju ta' dan in-nuqqas, u hawnhekk il-livell tar-responsabilita' huwa ferma aktar għola meta għandek mastrudaxxa b'esperjenza li qed jħaddem magna li evidentement għandha parti li mhix koperta kumparat ma' magna li ma kelliex xi nuqqas fir-rigward ta' sigurta.

Anke jekk kellu jiġi aċċettat dak li xehed Clint Formosa li l-imputat staqsa lil Bartolo jekk hux kollox sew qabel ma ħaddem il-magna u Bartolo irrispondih iva (fol. 86), dan ma jfissirx li l-imputat osserva l-obbligi imposti fuqu mill-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi di piu' mill-provi jirriżulta li l-console li kien juża l-imputat kienet xi ħames metri l-bogħod mill-magna in kwistjoni, iżda kellha viswali tajba tagħha.

L-imputat għalhekk kien ragonevolment mistenni li mhux joqgħod fuq l- allegata "iva" ta' Bartolo għall-mistoqsija tiegħu jekk hux kollox sew, iżda li hu stess jara personalment b 'għajnejh li Bartolo ma kienx jinstab fil-parti ristretta qabel ma jibda jħaddem il-magna. Dan partikolament ikkonsidrat li mill-provi jirriżulta li Bartolo kien ilu jaħdem ftit xhur ma' Construct Furniture Company Limited u mhux dejjem kien ikun assenjat fuq din il-magna u għalhekk żgur ma kellux l-esperjenza li kellu l-imputat fit-tħaddim tagħha. L-imputat kien konxju li qiegħed jopera magna perikoluża ferm u għalhekk l-inqas li kien ragonevolment mistenni minnu huwa li qabel ma jibda jħaddimha jassigura li ma hemm ħadd in-naħa ta' ġewwa tal-fencing partikolarment meta kien qiegħed jagħmilha ta' supervisor ta' ġuvni ta' eta tenera, li kien prattikament għadu tifel, mingħajr ebda esperjenza fid-dinja tax-xogħol.

Issir referenza għal dak li jingħad" mill-awturi **Timothy H. Jones u Michael G. A. Christie** fil-ktieb tagħhom *Criminal Law* mis-serje ***Greens Concise Scots Law*** dwar il-kunċett ta' duty of care jew duty to act:

> "*There are also instances where the common law would probably impose a duty to act. This will be the case where an individual has undertaken to do something upon which the health and safety of others depends. Examples of this are the cases of William Hardie, where a charge of culpable homicide brought against an Inspector of Poor who had ignored the deceased's application for poor relief was held to be relevant, and an English case, R. v. Instan, where a fatal omission by a niece to provide food and medical attention for her invalid aunt resulted in a manslaughter (equivalent to culpable homicide) conviction. The crimes in these two examples were committed by failing to fulfil a legal*

*duty. In William Hardie the legal duty was derived from a contract. The failure to act was not just a breach of contract with his employer, however, but provided the basis for a conviction: the duty of care also extended to members of the public he was paid to protect. In Instan the duty had been assumed voluntarily. This would seem to imply that if someone agreed to look after a neighbour's child and the child drowned in the bath while that child-minder was watching television, then a conviction for culpable homicide could ensue. This scenario could be analysed either in terms of a voluntary assumption of a duty of care or of a contractual obligation.*

Illi f'dan ir-rigward l-esponenti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il- Pulizija vs. Mario Briffa** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Aaron Bugeja qalet illi:

*"Huwa minnu li l-haddiema fuq dawn is-siti tal-kostruzzjoni irabbu ċertu mod kif* ***jadattaw ruhhom għal dawn il-perikli u jrabbu wkoll ċertu kuraġġ meta jkollhom jaħdmu f'dawk il-perikli*** *10 Iżda* ***dan xejn ma jnaqqas mill-importanza tal-osservanza ta' dawn ir-regolamenti, imfassla biss bil-ħsieb li jiġu protetti persuni u b'mod partikolari l-ħaddiema li jmorru fuq "post tax-xoghol" biex jaqilgħu lira u mhux biex ikorru jew jiġu mmankati għal għomorhom, jekk tigihom tajba*** *Il-Liġi ma tridx li dawn il-ħaddiema joħorġu mid-dar biex ma jerġgħux jidħlu lura. Dak huwa l-iskop ta' din il-Liġi."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Buhagiar**" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fil-ġurnata tal-11 ta' Diċembru tas-sena 2008 tenniet is-segwenti:

*"Li hu car u manifest li f dan il-kaz l-appellat kien ferm imprudenti meta, f nizla pronunzjata, nehha l-ingranagg tar-reverse li kien dahhal qabel u gab il-magna mixghula "free", meta ma kienx iddeplojja l-"outriggers" biex jistabilizzaw it-truck u meta hemm dubju serju dwar kemm kien*

*ghamel is-serratizz taht rota wahda tat- truck li kien mghobbi bil-bricks, liema serratizz ma nstabu ebda traci tieghu mill- investigaturi. Kien ovvju li hu kellu jistenna li jhott it-taghbija kollha qabel ma jizgrana il-magna w jixghel l-ignition u jerga jinzel mit-truck u jhallieh bla driver f dik in-nizla fuq il-handbrake biss meta kien għadu ma hattux kollu. Bhala rizultat ta' din is-sekwenza it-truck qabad in-nizla w apparti milli korra serjament lill-istess appellant, ghamel stragi shiha fit-triq billi kisser diversi vetturi kif jidher mil fotografiji esebiti.* ***Ghat-truck dak il-hin kien responsabbli l-appellant****" u hu ma jistax jitfa' t-tort fuq l-employer tieghu li ma kienx prezenti w li kellu kull dritt li jikkredita lill-appellant b' buon sens bizzejjed li ma jaghmilx dak li ghamel. Minn imkien ma rrizulta xi difett fit-truck jew li l-employer ma forniex lill appellant bl-ghodda mehtiega, kif gie allegat fir-rikors tal appell. Ghalhekk l-aggravju dwar il- mertu qed jigi respint.*

Illi tenut kont li dan il-każ jikkonċerna ġuvni ta' 17-il sena issir ukoll riferenza għal **Ligi Sussidjarja 424.10 Regolamenti dwar il-protezzjoni ta' żgħażagħ fuq il-post tax-xoghol**. Artiklu 2 tal-Liġi Sussidjarja 424.10 jipprovdi inter alia definizzjoni ta' żgħażugħ fil-kuntest ta' din il-liġi bħala persuna taħt it-tmintax il-sena u tinkludi minuri u adolexxent.

Illi minkejja li l-liġi sussidjarja tirrigwarda lil min jħaddem, tajjeb jiġi kkunsidrat li l-legislatur jippreskrivi aggravanti fejn jidħol *inter alia* korriment ta' żgħażagħ taħt it-tmintax il-sena fuq il-post tax-xogħol. Il-vittma f'dan il-każ kien għad kellu biss 17-il sena u kien propju l-appellat li kien supervising miegħu dakinhar tal-inċident.

Illi kkunsidrat dak kollu suespost, fil-fhema tal-Avukat Ġenerali, l-appellat David Peter Blundell kellu jinstab ħati tal-akkuża kif dedotta fil-konfront tiegħu.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat.

Semgħet il-partijiet jitrattaw nhar it-23 ta' Novembru, 2023.

Rat l-atti kollha tal-każ.

**Ikkunsidrat,**

Illi primarjament l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-liġi mill-Ewwel Qorti. Madankollu jidher illi l-Avukat Ġenerali fir-rikors tiegħu mhux jaqbel ukoll ma xi apprezzament tal-fatti magħmula mill-Ewwel Qorti. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[1] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-**

[1] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.

**Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Għalhekk din il-Qorti tħoss illi jkun idoneju li tevalwa x-xhieda u l-evidenza ammissibli miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti sabiex b'hekk anke tkun tista' tifhem aħjar l-appell tal-Avukat Ġenerali.

**L-Ispettur Hubert Cini**[6] xehed nhar it-30 ta' Jannar 2019 fejn qal illi nhar l-4 ta' Ġunju, 2015 għall-ħabta ta'12.20pm il-pulizija kienu nfurmati li kien sar aċċident l-Construct Furniture Industrial Estate Luqa u ċioe' li kien hemm persuna li ġiet maqbuda bejn magna ta' pressa. Il-pulizija marru fuq il-post u l-persuna mweġġa', Matthew Bartolo kien diġa ttieħed l-isptar Mater Dei. Dan kien fil-periklu li jitlef ħajtu u nfetħet inkjesta. Sussegwentament Bartolo miet u l-pulizija bdew l-investigazzjonijiet fuq il-post u sabu li kien hemm magna ta' pressa li tagħmel il-bibien u li beda jħaddima l-appellat. L-Ispettur spjega illi l-post kien qisu bħall-pedana tax-xhieda, il-pedana console u makkinarju biex jitħaddem. Spjega id-distanza li għandek għal grada u l-pressa jpoġġu injama u taqta' l-forma tal-bibien. B'xi mod il-vittma kien ġewwa u qabditu l-pressa. L-Ispettur qal li kienu ġew mitkellma diversi nies fosthom lil ċertu Clint Formosa illi sema' lil David Blundell isaqsi lil Matthew Bartolo jekk hux kollox sew, imma ma semax ir-risposta u kien hu li f'daqqa' waħda il-kliem ow, ow,ow, ow u ħares lura u ra lil Matthew Bartolo *trapped* u għalhekk mar jagħfas *emergency button* numru 3. Mistoqsi kienx hemm xi proċeduri kontra xi ħaddieħor, hu kien wieġeb illi kien hemm proċeduri għaddejin kontra d-diretturi tal-Construct Furniture.

L-Ispettur Cini[7] reġa xehed nhar il-25 ta' Settembru, 2019 fejn spjega wkoll illi fl-inkjesta kien hemm żewg konklużjonijiet u fl-aħħar waħda magħmula mill-Maġistrat Joe Mifsud ġie ddikjarat li ma kellhomx jittieħdu passi kontra l-appellat. Madankollu, l-OHSA dehrilha li kellhom jipproċedu kontra l-appellat u għalhekk inħarġu l-akkużi kontrih. Jispjega li lilu Clint Formosa ma kienx qallu li kien sema lid-defunt iwieġeb lill-appellat ' Iva, iva kollox sew'.

---

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] Fol. 4 et seq tal-process.
[7] Fol. 68 et seq tal-process.

**Dr David Saliba**[8] xehed nhar it-30 ta' Jannar, 2019, fejn qal illi l-Awtorita' dwar is-Saħħa u Sigurta' fuq il-post tax-xogħol nhar l-4 ta' Ġunju, 2015 ġiet infurmata li seħħ inċident fejn kien weġġa' ħaddiem allura sussegwentament hu flimkien mal-uffiċjal investigattiv Kevin Gauci aċċedew fuq il-post fejn ikkostataw x'kien ġara u ma ġarax *prima facie*. Kien ġie spjegat li kien hemm ħaddiem illi kien qed jaħdem fuq magna li tagħmel disinn tal-injam kif ukoll din il-magna tiġi operata minn console. Hu esebixxa xi ritratti li kienu ġew migbuda mill-kollega tiegħu. Dr Saliba reġa' xehed nhar il-25 ta' Settembru, 2019 fejn kompla sabiex jgħid li l-magna in kwisjoni bħala wisa' kienet ftit inqas mill-awla. Spjega kif kienet taħdem il-magna u li d-disinn li wieħed jara fil-bibien taqtgħu b'mod eletroniku u awtomatiku. Jgħid li l-appellat kien fi stat ta' xokk u ma kienx idoneju li jkellmuh. Setgħu jinnutaw ħafna għadajjar ta' demm u demm imċappas mat-tray fejn tpogga l-injama. Minn indagni li kien għamel hu dakinhar, kien irriżultalu li l-appellat kien inkarigat miż-żagħżugħ Bartolo illi kien qed jagħmel xogħol miegħu fuq din il-magna. Bartolo kien qed ipoġġi l-injam biex jiġi pproċessati dawn il-bibien u l-appellat kien l-operatur tal-magna. In kontro-eżami jgħid li ma għandux riżultat tal-inkjesta u li ma pparteċipax fil-prosekuzzjoni u ma kienx involut fl-inkjesta. Mistoqsi għaliex bħala Awtorita' kienu ddeċidew li jipproċedu kontra l-appellat huwa wieġeb illi l-appellat bħala ħaddiem kellu obbligu u taħt l-Artikolu 7(1) tal-Att li huwa bħala ħaddiem kellu jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta' tiegħu u ta' terzi li kienu qed jgħinuh. Jgħid li mexa fuq il-fatti li rriżultaw lill-Awtorita' u sussegwentament ic-charges li huma ntavolati quddiem il-Qorti. Ikkonferma li l-Awtorita' u l-pulizija kellhom meeting quddiem l-Avukat Ġenerali u kien tagħhom direzzjoni sabiex jinħarġu l-akkużi kontra l-appellat.

Is-Sur Saliba[9] reġa' xehed nhar it-22 ta' Jannar, 2021 fejn ikkonferma li fil-proċeduri fejn hemm akkużati d-diretturi tal-Construct Furniture huma bħala OHSA ma ħadux irwol ta' prosekutur. Ikkonferma li s-Sur Blundell qatt ma rċieva notice mill-OHSA għall-administrative settlement għaliex hija prerogattiva tal-Awtorita' li meta toħroġ *administrative fine* u f'dan il-każ stante l-gravita' tiegħu, hu kien dehrlu għax id-deċiżjoni joħodha hu li ma tinħariġx *administrative fine.*

[8] Fol. 7 tal-process.
[9] Fol. 182 et seq tal-process.

**Joseph Saliba**[10] xehed nhar it-30 ta' Jannar, 2019, fejn xehed għan-nom tal-Jobsplus u esebixxa *Employment History* tal-appellat.

Is-Sur Saliba[11] reġa' xehed nhar il-25 ta' Settembru, 2019 fejn qal li l-appellat kien jaħdem mal-Construct Furniture mit-02/11/98 sa 02/10/2015.

**PS 185 Roger Mifsud**[12] xehed nhar it-30 ta' Jannar, 2019, fejn qal li nhar l-4 ta' Ġunju 2015 hu kien stazzjonat Surgent Raħal il-Ġdid fejn ġew infurmati għall-ħabta ta' 12.20pm li kien hemm persuna maqbud ġo magna ġol-fabbrika Construct Furniture. Miegħu kien hemm l-Ispettur Colin Spiteri Żammit u s-Surġenta 262. Meta waslu fuq il-post saru jafu li kien ċertu Matthew Bartolo li kien ġie maqbud ġo magna li tagħmel il-bibien. Meta waslu huma fuq il-post Bartolo kien diġa' telaq bl-ambulanza u mill-isptar kienu ġew infurmati li dan kien fil-periklu tal-mewt. Kien ġie nfurmat l-Ispettur tal-Għassa u nfetħet inkjesta fejn il-Maġistrat tal-Għassa Neville Camilleri ħatar diversi esperti fosthom PC 1535, Dr Mario Scerri, Dr Richard Sladden, Mr Kevin Gauci u Joe Zammit. Għall-ħabta ta' 13.30 pm kienu ġew infurmati li Bartolo kien iċċertifikat mejjet. Hu kien tkellem ma ċertu Clint Formosa fejn stqarr li kien dahru lejn il-magna imma ma kienx qed iħares lejn il-magna. Kien sema lil David isaqsi lil Matthew jekk hux ok imma ma jafx Matthew wieġbux lura jgħidlu iva jew le. Formosa kien qallu li sema' xi għajjat- u kif ra lil Bartolo maqbud mar jitfi l-*emergency button number* 3 li kien hemm mal-ħajt u sussegwentament neża l-flokk biex jagħmililu mal-ferita' sakemm ġiet l-ambulanza. Kien tkellem ukoll ma' Matthew Mifsud fejn stqarr li huwa ma għamel xejn, kemm żamm lil Bartolo sakemm ġiet l-ambulanza. Ix-xhud kien kellem ukoll lil ċertu Dorge Dorgich fejn dan tal-aħħar qallu li kien hemm ħafna demm mal-magna u kien tefa' is-serratura biex jgħatti d-demm. Flimkien mal-Ispettur Spiteri Żammit mar l-isptar fejn ra l-vittma u ġabru ċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu.

**Maria Ruth Ciantar**[13] xehedet nhar il-25 ta' Settembru, 2019 fejn ippreżentat kopja tal-proces verbal fil-każ Il-Pulizija vs David Peter Blundell.

---

[10] Fol. 7 et seq tal-process.
[11] Fol. 81 et seq tal-process.
[12] Fol. 8 et seq tal-process.
[13] Fol. 58 tal-process.

**L-inginier Ray Spiteri**[14] xehed nhar il-25 ta' Settembru 2019 fejn ikkonferma li kien ippreżenta r-relazzjoni tiegħu fl-atti tal-inkjesta. A fol 54 et seq tal-proces verbal wieħed isib ir-rapport tekniku fejn fil-konklużjonijiet tiegħu, huwa tenna hekk:

> a. *In-Nuqqasijiet fuq il-makna huma ta' natura ta' sahha u sigurta' fuq il-post tax-xoghol. B'ftit attenzjoni dan it-tip t'incident setgha jigi evitat jekk l-assessment u spezzjonar tal-makna sar kif suppost.*
>
> b. *L-operatur tal-makna li suppost ikun fuq l-istazzjon il-hin kollu kellu l-facilita' li waqaf il-makna f'hin ta' inqas min 7 sekondi. Anke kieku l-operatur tal-makna kien hdejn il-makna hemm ukoll tlett 'emergency stops' li setgha wiehed juza…*

Is-Sur Spiteri[15] reġa' xehed nhar l-24 ta' Frar, 2021 fejn qal fir-rigward tal-magna bil-fence illi kienet *operational* u setgħet tintuża iżda l-parti tas- '*safe for use*' ma kinitx. Hu spjega illi s-*safety fencing* ma kienx komplut u ma kienx mad-dawra tal-magna kollha. Spjega illi bħala *British Standard,* jekk magna, speċjalment ġo fabbrika tal-injam, għandek a *cutting circular saw*, sega qed iddur, trid tieqaf f'għaxar sekondi. Hu xehed illi din ċajta għax f'għaxar sekondi mhux idek toħodlok, imma meta pruvaw din il-magna kienet xi seba' sekondi. Jiġifieri jekk narak se tweġġa' u nafas l-stop tieqaf f'seba' sekondi. Hu kkonferma li l-operatur tal-magna ikun qiegħed fejn il-control panel u jkollu vizwali tajba tal-magna li bejniethom kien hemm madwar ħames metri. Huwa kkonferma meta mistoqsi mill-Qorti illi jekk persuna ddawar rasha jew per eżempju tillarga, il-magna tibqa' taħdem.

**Dr Mark Anthony Attard Biancardi**[16] xehed nhar il-25 ta' Settembru fejn muri kopja taċ-ċertifikat mediku hu qal illi hu kien ra lil Matthew Bartolo fl-4 ta' Ġunju, 2015 għall-ħabta ta' 12.30pm. Allegatament kien involut f'inċident u kien inġab l-isptar b'qalbu wieqfa u għamlu siegħa CPR u ddikjarawh mejjet xi 1.30pm. Spjega li Bartolo kellu qasma kbira ħafna fuq in-naħa tax-xellug ta' sidru li wasslet għall-mewt tiegħu.

---

[14] Fol. 60 et seq tal-process.
[15] Fol. 119 et seq tal-process.
[16] Fol. 74 et seq tal-process.

**Kevin Gauci**[17] xehed ukoll nhar il-25 ta' Settembru, 2019 fejn persuna li jaħdem l-OHSA qal li nhar l-4 ta' Ġunju, 2015 huwa ġew infurmati li kien seħħ inċident ġewwa l-fabbrika tal-Construct Furniture. Irriżulta li kien hemm magna kbira li tintuża sabiex tagħmel il-bibien. Irriżulta li l-vittma, li wara kien miet minħabba l-ġrieħi li ġarrab, kien qiegħed jgħin lill-appellat li kien qed jopera l-magna. Xogħol il-vittma kien li jgħin lill-operatur sabiex ipoġġi l-injama fuq il-kexxun. Madwar il-magna kien hemm qisu mesh wire fejn prattikament tippreveni milli persuna tidħol ġol-magna. Huwa spezzjona wkoll l-interlocks li huma switch li jekk inti tiftaħ il-grada, l-switch se joħroġ il-barra u l-magna ma toperax. Mill-investigazzjonijiet li għamel hu kien li wara li qalulu li l-vittma kien fuq in-naħa ta' ġewwa, fejn ma setax ikun fuq in-naħa ta' ġewwa, anke minħabba l-fatt li l-kexxun meta jiġi biex juża d-distanza jieħu madwar erba' sekondi. Kieku l-grada kienet miftuħa, l-magna ma kienitx topera. Allura, meta ġara l-inċident il-vittma bilfors kien fuq in-naħa ta' ġewwa tal-magna iżda ma jafux x'kien qed jagħmel dak il-ħin. Jgħid li l-magna kienet qed taħdem tajjeb. Mistoqsi mill-Qorti min seta' għalaq il-grada waqt li l-persuna kienet għadha fuq il-magna hu jgħid li ma ngħatax spjegazzjoni għal dan. Meta hu kien saqsu jekk kienux raw lill-vittma fuq ġewwa, ir-risposta kienet li ma kienux rawh fuq ġewwa. Fil-konkluzjoni tar-rapport tiegħu a fol. 46 tal-proċess huwa qal is-segwenti:

> *'Il-vittma gie ikkonstatat li fil-hin tal-accident kien qieghed gewwa mill-grada u meta is-Sur Blundell ghamel sinjal lil vittma biex jghidlu li kollox ok ma l-istess Blundell ma setax jidentifika li jekk fir-realta il-vittma kienx barra jew gewwa. Ta' min jinnota ukoll li fuq wara tal-magna instabu marki tal-pala tal-idejn, x' aktarx tal-vittma minhabba l-possibilta' li l-istess vittma ipprova johrog min wara tal-magna flok mil-grada biex ma jwaqqafx il-process tal-magna. Il-vittma ma kellu ghalfejn qatt joqghod l-gewwa mill-grada.'*

**Clint Formosa**[18] xehed nhar il-25 ta' Settembru, 2019, fejn qal li f' Ġunju ta' 2015 kien jaħdem mal-Construct Furniture. Huwa dakinhar tal-inċident ra lill-appellat u lil

[17] Fol. 76 et seq tal-process.
[18] Fol. 85 et seq tal-process.

vittma u saqsihom kienx kollox sew u kienu qalulu li iva. Hu mbagħad mexa għannaħa l-oħra pero hu u miexi sema lill-appellat jgħid lil Matthew, jekk mhux kollox ok u Matthew wieġeb 'iva' u nxtegħlet il-magna. Sussegwentament sema lill-appellat jgħidlu 'Ow ow ow, mur itfi *l-emergency button'*. Hu qabeż il-gate tal-magna biex jagħfas il-buttuna iżda l-magna kienet ġa mitfija għax kien laħaq tfiha l-appellat. Hu ra lil Matthew maqbud ġol-magna. Jgħid li l-barrier tal-magna kienet magħluqa. Hu beda jipprova jkellem lil Matthew iżda Matthew ma kellmux, kien mitluf minn sensih u sussegwentament hu tela jgħid lill-imgħallmin. Jgħid li isfel, fejn kien mixi hu kien hemm magni oħrajn iżda ma kienux mixgħulin u magna waħda kienet qed taħdem li kienu jaħdmu fuqha l-appellat u l-vittma. Mistoqsi jekk hux ċert mill-leħen li sema hu wieġeb 'Mija fil-mija'. Spjega li kien ilu jaħdem hemmhekk sentejn u Matthew kien ilu jaħdem hemm xhur. Żied jgħid li hu kien kapaċi jagħraf kemm leħen l-appellat kif ukoll leħen il-vittma u kkonferma li hu kien ċert mija fil-mija li Matthew wieġeb lil David li kollox kien sew.

**<u>L-Ispettur Joseph Mercieca</u>**[19] xehed nhar l-24 ta' Frar, 2021 fejn qal li kienu daħħluh ġo dan il-każ minn Jannar 2016 għaliex kien hemm ordni mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jassistu l-Maġistrat Inkwerenti fl-inkjesta relatata ma' dan il-każ. Hu kien assista lil espert Dr Bajada sabiex imur il-fabbrika tal-Construct Furniture u jara xi kompjuters. Sussegwentament u wara ħafna titubar, is-Superjuri tiegħu kienu qalulu sabiex isegwi l-każ. Wara li kien ingħalaq il-*proces verbal*, kien hemm struzzjonijiet sabiex jittieħdu passi kontra d-Diretturi tal-Kumpanija u huwa dak li għamel. Stqarr li jrid jagħmilha ċara li hu nvestiga l-każ sitt xhur meta l-froga kienet saret u fuq il-post qatt ma mar u kellu problema biex jara eżatt x'ġara. Spjega li kien tkellem ma' Clint Formosa u li dan kien sema lil Matthew jgħid lill-appellat li kollox kien sew. Jgħid li hu dehrlu illi ma kellhomx jittieħdu proċeduri kontra l-appellat, kif kien konkluż fil-proces verbal. Hu saħansitra kien tkellem mal-OHSA u kien għamilha ċara ma' kulħadd inkluż mal-kollega tiegħu l-Ispettur Hubert Cini illi hu ma kienx tal-fhema li jittieħdu proċeduri kontra l-appellat u jekk kien ser isir dan kien jinqala' minn dan il-każ.

[19] Fol. 112 et seq tal-process.

**Dr Maria Bezzina Xuereb**[20] xehedet nhar id-29 t' April 2021 fejn spjegat illi l-appellat saret tafu bħala pazjent meta kien mar għandha nhar il-5 ta' Gunju, 2015. Hi ratu ħames darbiet u l-aħħar li mar il-klinika kien nhar it-18 ta' Frar, 2019. Hu kien irrakuntala li kien għaddha minn trawma severa u dan għaliex kollega tiegħu kien tilef ħajtu fuq il-post tax-xogħol. Id-dijanjosi kienet ta' *acute stress reaction.* Hi kienet tagħtu xi kalmanti u maż-żmien beda jmur għall-aħjar u minkejja kien f'riskju, qatt ma żviluppa full-blown post-traumatic disorder. Da Frar 2019 kien għadu qed jieħu anti-depressants u olanzapine. Mistoqsija xi tfisser li waqt li kienu waqt seduta beda jħossu ħazin u kellu joħroġ barra mill-awla, hija qalet li tista' tfisser li jkun qed jiżviluppa *post-traumatic stress disorder*. Hija qalet li l-appellat ma kellux *history* psikjatrika. L-appellat kien qalilha li assolutament ma setax jifhem kif ġara dan l-inċident għaliex hu kien mexa mal-protokolli kollha u filli l-vittma qallu ok u filli seħħ l-inċident.

**Is-Surġent Diane Galea**[21] xehedet nhar il-25 ta' Settembru, 2019 fejn qalet li kienet xogħol nhar l-4 ta' Gunju, 2015 u għall-ħabta ta' 12.20pm ġew infurmati li hemm persuna maqbuda ġewwa magna fil-fabbrika Construct Furniture. Dak il-ħin mar is-Surġent li kien ser jibdilha u ċioe' PS 185 u niżlet miegħu fuq il-post. Saru jafu li kien Matthew Bartolo li ġie maqbud ġo magna li tagħmel bibien tal-injam. Huma lil Matthew ma laħquħx fuq il-post u wara hi telqet u kompla PS 185.

**Ikkunsidrat**,

Illi din il-Qorti fliet l-atti kollha tal-każ, inkluż il-*proces verbal*. Primarjament tgħid u tiġbed l-attenzjoni illi l-appellat kien akkużat bis-segwenti:

> *'Fuq talba ta' L-Awtorita għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar 1-4 ta' Ġunju 2015, għall-ħabta ta' 12.30pm u/jew fil-ġranet ta' qabel, ġewwa l-fabbrika Construct Furniture, Qasam Industrijali, Luqa, naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu, kif ukoll tal-persuni li jistgħu jiġu affettwati*

[20] Fol. 143 et seq tal-process.
[21] Fol. 180 et seq tal-process.

*bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġu evitati danni fiżiċi, korrimenti jew mewt fuq il-post tax-xogħol u naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ir-riskji jiġu ridotti kemm huwa ragonevolment prattiku u dan ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Att 27/2000 Kap. 424;'*

Jista' jiġi nnutat illi minkejja ġie kwotat l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 424, jidher illi d-diċitura tinkludi wkoll dak dispost fl-Artikolu 6 tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li l-Artikolu 6 jitkellem dwar id-dmirijiet ta' min iħaddem, l-Artikolu 7 jitkellem dwar id-dmirijiet tal-ħaddiema. Illi kif kwotat ben tajjeb l-Ewwel Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Buhagiar**[22] ġie ritenut hekk:

*"Illi dwar l-ewwel aggravju, jigi rilevat li l-akkuza hi espressament bazata fuq l-artikolu 7 (1) tal-Kap. 424. Issa ghalkemm id-dicitura tal-akkuza nnifisha tibda biex tirriproduci kwazi testwalment il-kliem tal-istess artikolu, pero' tkompli tghid: "u dan billi nqastu milli tiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigu evitati dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u nqastu milli tiehdu l-misuri necessarji sabiex ir-riskju jigi ridott kemm hu ragjonevolment prattiku."(Sic!) Dan l-ahhar kliem ma jifformax parti mill-artikolu 7 (1), imma jirriproduci dak li jintqal fl-artikolu 6 (2) (e) tal-ligi li jirrigwarda espressament "il-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem"*

*Issa huwa ovvju li rrizulta li l-appellant ma kienx "employer" imma impjegat ta' Polidano Group Ltd. u ghalhekk fil-konfront tieghu ma setghet tirrizulta qatt it-tieni parti tal-imputazzjoni. B' dana kollu certament kienet deducibbli fil-konfront tieghu l-ewwel parti tal-akkuza w cioe' dik li taqra: "…inqast milli thares s-sahha u s-sigurta' tieghek , kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed isir…"*

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Diċembru 2008.

*Ghalhekk l-ewwel aggravju hu fondat biss in kwantu l-Ewwel Qorti kellha targina ir-responsabbilta' li talvolta setghet tirrizulta mhux ghall-akkuza kif dedotta imma biss ghal dik il-parti tal-akkuza appena sottolinejata li taqa' taht l-artikolu 7 (1) li jittratta dwar id- "Dmirijiet tal-haddiema"*

Għaldaqstant ma hemmx dubbju li l-akkuża odjerna kontra l-appellat hija dik il-parti li taqa' taħt l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 424 u l-kumplament għandu jiġi skartat. L-Artikolu 7(1) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula hekk:

*"7. (1) Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir."*

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubbju li l-appellat kien ħaddiem u għalhekk skond l-Artikolu 7 suċitat huwa kellu d-dmir li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta'persuni oħra li setgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qed isir. Kif tipprovdi d-diċitura ta' dan l-Artikolu stess, dan l-istess Artikolu japplika għal 'kull ħaddiem' u għalhekk id-dmir emanenti japplika kemm għall-appellat kif ukoll għall-vittma. In oltre, kien jeħtieg li din il-Qorti tifli b'reqqa l-provi sabiex tara dak inħar tal-inċident x'xogħol kien qiegħed isir u x'ġara eżattament.

F'dan il-punt il-Qorti tgħid illi jirriżulta li meta l-appellat rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, skont il-liġi *in vigore* ta' dak iż-żmien huwa kellu d-dritt li jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur legali qabel it-tehid tal-istqarrija iżda ma kellux dritt li jkollu Avukat preżenti **waqt** ir-rilaxx tal-istqarrija. Għaldaqstant din il-Qorti f'dan ir-rigward tagħmel referenza fis-sħiħ għas-sentenza riċentissima u dettaljata tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Trevor Borg.**[23] Oltre minn hekk ta' min jirrimarka illi jirriżulta b'mod ċar illi l-istqarrija ttieħdet biss ftit siegħat wara li seħħ l-inċident u kif anke kkonfermat minn xhieda oħra, l-appellat kien fi stat ta' xokk. Jiġi mfakkar illi l-Att dwar il-Pulizija u cioe' Kap 164 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-Artikolu 17(c) tat-tielet skeda jipprovdi hekk:

[23] Deciza nhar il-31 t' Ottubru, 2023.

> *(ċ) fil-każ ta' persuni potenzjalment vulnerabbli, (bħal persuni taħt l-influwenza ta' mediċinali, alkoħol, mediċina,* ***jew li jkunu fi stat ta' xokk****) għandhom jittieħdu prekawzjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-istqarrija ssir minnhom meta jkunu kapaċi japprezzaw is-sinifikat tal-mistoqsijiet u tweġibiet tagħhom, u li l-istqarrija ma tkunx ir-riżultat ta' xi influwenza mhux dovuta mill-uffiċjal investigatur*

Għaldaqstant, in vista tal-fatt illi l-appellat ma kellux id-dritt li jkun akkumpanjat minn avukat tal-għażla tiegħu matul l-interogazzjoni, din il-Qorti sejra tqis l-istqarrija tal-appellat rilaxxata nhar l-4 ta' Ġunju, 2015, kif ukoll kwalunkwe referenza għaliha bħala inammissibli u għalhekk mhux sejra tieħu konjizzjoni tagħha.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment,</u>**

Illi *in breve*, dakinhar tal-inċident jirriżulta li l-appellat bħala operatur ta' magna li kienet tagħmel il-bibien kien akkumpanjat minn ħaddiem ieħor bl-isem ta' Matthew Bartolo. L-operatur kien iħaddem il-magna minn console li kienet tinsab madwar ħames metri bogħod mill-magna. Ġara li sfortunatament Matthew Bartolo sofra minn *crush injury* kkawżata minn din l-istess magna li ħaditlu ħajtu. Jingħad illi s-*safety fencing* mad-dawra tal-magna ma kienx komplut u ċioe' ma kienx imdawwar mal-magna kollha. Prattikament dan il-*fencing* kien jippreveni milli persuna tidħol ġol-magna. Stante li dan il-*fencing* ma kienx imdawwar mad-dawra kollha, l-Inġinier Ray Spiteri qal li din il-magna ma kinitx *safe for use* minkejja li kienet taħdem. Il-magna kellha interlocks li huma switch li jekk inti tiftaħ il-grada, l-switch se joħroġ il-barra u l-magna ma toperax. Skond l-uffiċjal tal-Awtorita' Kevin Gauci, fil-ħin tal-inċident il-vittma kien fuq in-naħa ta' ġewwa u s-Sur Blundell ma setax jidentifika li jekk fir-realta' il-vittma kienx barra jew ġewwa.

Ix-xhieda ta' Clint Formosa hija importanti f'dan ir-rigward u dan għaliex kien it-terza persuna li kien preżenti fuq il-post tal-aċċident viċin il-vittma u l-appellat, minkejja li ma rax kollox. Huwa jsostni illi dakinhar tal-inċident ra lill-appellat u lil vittma u saqsihom kienx kollox sew u kienu qalulu li iva. Hu mbagħad mexa għan-naħa l-oħra

pero hu u miexi sema lill-appellat jgħid lil Matthew, jekk mhux kollox ok u Matthew wieġeb 'iva' u nxtegħlet il-magna. Sussegwentament sema lill-appellat jgħidlu 'Ow ow ow, mur itfi l-*emergency button'*. Jgħid ukoll li l-unika magna li kienet mixgħula dak il-ħin kienet dik li ħadet il-ħajja tal-vittma. Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda tas-Sur Formosa fl-*in genere*[24] fejn dan speċifika li wara li l-appellat u l-vittma qalulu li kienu 'orrajt' hu mexa tlett metri. Għaldaqstant qabel dan mexa tlett metri l-vittma Matthew Bartolo kien għadu barra. X'ġara f'dak il-ftit ħin u kif il-vittma spiċċa ġewwa l-grada f'ħin daqshekk żgħir, wieħed ma jistax jgħid biċ-ċert.

Di piu', il-mistoqsija li jmiss hija jekk setax l-akkadut ragonevolment jkun preveddibli mill-istess akkużat waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħol. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilita' tal-event dannuż u jekk l-inċident setax jkun prevedibbli bl-eżerċizzju ta' ċerta diliġenza u attenzjoni. Applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern, l-appellat assigura ruħu mis-sigurta' tal-vittma qabel xegħel il-magna u dan meta għal darba, darbtejn saqsieh kienx kollox sew u l-vittma wieġeb l-affermattiv.

L-Avukat Ġeneral fir-rikors t' appell tiegħu kkwota lill-Professur **Sir Anthony Mamo** fir-rigward tad-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali jsostni illi:

> "*The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man' meaning thereby a reasonable prudent man.*"

In segwitu għal dak ritenut *supra*, din il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs John Polidano et**[25] fejn ingħad is-segwenti:

[24] Fol. 615 et seq tal-*in genere.*
[25] Deciza nhar it-12 ta' Dicembru, 2007.

*'…Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland[26]:*

*"Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay dawn a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[27]*

*U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk"[28] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:*

***"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[29] says, 'In the determination of these questions, the***

*[26] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978*
*[27] Para. 7.28, pp. 232-233*
*[28] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight.*
*[29] Hall, J., General Principles of Criminal Law 2 nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.*

***introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. <u>It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons'</u>.***

Il-prosekuzzjoni trid tressaq il-każ tagħha u ġġib provi 'l hinn kull dubbju dettat mir-raġuni sabiex l-appellat jinstab ħati. Min-naħa l-oħra jekk l-akkużat jiddeċiedi li jġib xi provi, hu jrid jagħmel dan sal-grad tal-probabbli. Il-grad tal-possibbli m'hemmx postu fil-kamp penali u dan għaliex taħt il-kappa tax-xemx kollox huwa possibli. Fil-każ odjern din il-Qorti jidrilha illi l-prosekuzzjoni ma ġabux provi sal-grad rikjest mill-Liġi ta' x'seħħ fil-mumenti ta' wara li nxtgħelet il-magna sakemm seħħ l-inċident li kkawża l-mewta traġika tal-vittma. Ma jirriżultax illi l-inċident kien prevedibbli bl-eżerċizzju ta' iktar diligenza u attenzjoni da parte l-appellat u għalhekk jeżisti dubju raġonevoli li fil-kamp penali jimmerita favur l-akkużat u fil-każ odjern l-appellat.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgħa tiċħad l-aggravju tal-Avukat Ġenerali, tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti u tillibera lill-appellat David Peter Blundell minn kull ħtija u piena.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**